**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**PERIT JESMOND MUGLIETTE**
**INGINIER ALEXANDER GALEA**

**Illum 22 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru. 63/2014**

**Schembri & Sons Ltd (C4225)**

**Vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 l-atti gew trasfuzi f'isem ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tas-socjeta` **Schembri & Sons Limited**ipprezentat fil-31 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

"

1. *Illi permezz tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju, 2014, mibghuta lill-appellanti l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi ghamlet referenza ghar-regolament 5(1) tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Kwalita' tal-Karburanti (L.S.423.29) li jistabilixxu inter alia illi l-kombustibbli diesel jista' jintuza' biss jekk il-kontenut kubrit (Sulphur content) ikun skont kif dispost fit-Tieni Skeda ta' ma' dawk ir-regolamenti jigifieri ma jkunx ta' aktar minn 10 mg/kg.*

2. *Illi permezz tal-istess imsemmija ittra ufficjali, l-Awtorita' appellata premettiet illi fis-7 ta' Lulju 2014 Spetturi tal-Awtorita' elevaw kampjuni ta' fuel minn vetturi tas-socjeta' intimata bin-numbru ta' registrazzjoni KBL 481 u BBR 923 fiz-Zona Industrijali, Hal Far, Birzebbugia. L-Awtorita' kompliet billi tippremetti illi kampjuni ssigillati ohra ntbaghtu mill-awtorita' ghall-analizi*

*ta' laboratorju independenti u kampjuni ssigillati ohra nzammu mill-Awtorita' ghall-eventwalita' li jkun hemm bzonn ta' analizi ulterjuri minn parti terza.*

3. *Illi l-Awtorita' kompliet billi tippremetti illi ir-rizultat tal-analizi tal-laboratorju indipendenti jirrizulta illi l-kampjuni elevati mill-Ispetturi tal-Awtorita' ma kienux konformi mal-ligi u dan ghaliex ir-rizultat tas-Sulphur Content kien jeccedi l-massimu permess mil-ligi.*

4. *Illi ghalhekk permezz tal-imsemmija ittra ufficjali, l-Awtorita' interpellat lis-socjeta' appellanti sabiex fi zmien sebghat ijiemmin-notifika tal-istess ittra tressaq is-sottomissjonijiet taghha u taghti ragunijiet il-ghala l-Awtorita' m'ghandhiex timponi multa amministrattiva. L-Awtorita' provdiet ukoll illi fin-nuqqas li s-socjeta' intimata tottempra ruhha ma' dan, mal-provvedimenti tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi (Kap.423) u, jew ligi sussidjarja u/jew xi regolamenti maghmulin taht il-Kapitoli 423 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew att iehor li l-Awtorita' ghandha jedd tinforza, u li ma tirregolax ruhha fi zmien sebghat ijiem min-notifika ta' din l-ittra, l-Awtorita' qieghda timponi fuq is-socjeta' appellanti multa amministrattiva ai termini tal-Artickolu 31(2) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' tliet elef Ewro (€3,000).*

5. *Illi skond l-artikolu 31A(6) tal-Kap 423 f'kaz illi jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell mill-ittra ufficjali minghajr ma tali appell ikun gie intavolat, ladarba ssir n-notifika ta' kopja tal-istess lill-persuna li tkun wehlet il-penali amministrattiva, l-istess ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kap 12 ;*

6. *Illi s-socjeta' esponenti hasset ruhha aggravata bil-kontenut tal-imsemmija ittra u ghalhekk qieghda tinterponi dan l-umili appell minnha ai termini tal-imsemmi artikolu 31A(6) tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti :*

8. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju l-esponenti tissottometti illi l-procedura utilizata mill-Awtorita' hija wahda li tivvjola d-drittijiet fondamentali tal-appellanti b'mod partikolari d-dritt ghas-smiegh xieraq hekk kif protett taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

9. *Illi l-imsemmija vjolazzjoni tirrizulta mill-fatt illi l-ligi li tirregola l-procedura adottata mill-Awtorita' fil-kaz odjern, ossija l-procedura emergenti mill-Kap 423, tonqos milli tipprovdi b'mod car u definit iz-zmien entro liema l-persuna li kontriha jinbdew il-proceduri irid iressaq l-appell tieghu. Fl-artikolu 31A(1)(iv) tal-Kap 423, il-ligi tipprovdi lill-Awtorita' b'diskrezzjoni sabiex tiffissa hi stess perjodu entro liema zmien dak li jkunu inbdew il-proceduri kontrih irid jappella minnhom. Din is-sitwazzjoni hija certament wahda anomala u li tippregudika d-drittijiet tal-esponent ghaliex tahdem kontra ic-certezza legali u tikkreja sitwazzjoni li tati lok ghall-applikazzjoni diskriminatorja tal-ligi. Huwa difficli li wiehed jifhem kif l-Awtorita' tista' b'mod oggettiv taghzel li tezercita d-diskrezzjoni hemm koncessa lilha u tiddetermina l-perjodu li ghandu jinaghta ghall-appell.*

10. *Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju, l-appellanti qieghdin jissottomettu illi l-ittra ufficjali mibghuta mill-Awtorita' ai termini tal-Artikolu 31A tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta fi kwalunkwe kaz hija nulla. Tali nullita' tirrizulta mill-fatt illi l-Awtorita' naqset milli tindika l-procedura li l-esponenti kellu jsegwi sabiex iwaqqaf l-ittra ufficjali surreferita milli tigi reza ezekuttiva u ghalhekk milli l-Awtorita' takkwista titolu ezekuttiv kontra s-socjeta' esponenti. Fi proceduri ta' natura tant espedita li essenzjalment jevitaw proceduri quddiem l-Onorabbli Qrati taghna, dejjem gie ritenut il-fatt illi huwa l-obbligu tal-mittenti li jindika b'mod mill-aktar car lill-persuna intimata x'passi irid isegwi sabiex jopponi ghal dak li jkun qieghed jigi mitlub mill-mittenti u intant jevita illi l-mittenti jakkwista titolu ezekuttiv kontrih. Huwa daqstant iehor car illi f'dan il-kaz dan ma sarx u ma nghata l-ebda avviz lill-esponenti dwar kif ghandu jikkontesta l-kontenut tal-istess ittra ufficjali.*

11. *Illi l-principju hekk kif hawn fuq delinejat jemergi kjarament mis-sitwazzjoni analogika ghal dik odjerna relatata mal-procedura rikjesta ghall-validita ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikoli 466 u 166A tal-Kap 12.*

12. *Illi dwar il-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' naqset milli tipprova l-allegata vjolazzjoni b'mod sodisfacenti. Il-fatt illi gew annessi zewg rapporti mal-ittra ufficjali ma jissodisfawx il-livell ta' prova mehtieg mil-ligi u dan ghaliex m'hemm xejn li jipprova b'xi mod illi l-kampjuni li gew ittestjati kienu filfatt dawk mehuda mill-vettura tas-socjeta' esponenti. Il-prova minn dan l-aspett hija wahda dghajfa immens u filfatt sahansitra lanqas biss ma gie konfermat dan il-fatt mill-ufficjali li allegatament elevaw il-kampjuni in kwistjoni.*

13. *Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma huwiex qieghed jaccetta l-analizi tal-kampjuni maghmula mill-Awtorita, qieghed jitlob Ii jinghata r-rapport shih kif inhareg u jirriserva li jitlob li l-kampjun rimanenti jintbaghat ghal investigazzjoni minn ditta indipendenti.*

14. *Illi fi kwalsijasi kaz l-esponenti tixtri id-diesel in kwistjoni minghand fornitur Malti li meta jwassal il-prodott ikun munit b' certifikati opportuni mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana u li juru l-kwalita'  tad-diesel in kwistjoni. F' dan il-kaz l-esponent accetta l-konsenja tad-diesel wara li talab u ntwera c-certifikati relevanti. Ghalhekk l-esponent kien in buona fede u ma jahtix ghal xi difett fil-prodott li seta' kien hemm u li ma kienx seta jiskopri ragjionevolment;*

15. *Illi intant anke f'kaz li jirrizulta li d-diesel verament huwa mniggez u nieqes mill-kwalita kif jinghad fl-ittra ufficjali surreferita, ghandhom jittiehdu passi kontra min issuplixxa d-diesel u mhux kontra l-esponenti. F'kaz illi jirrizulta li filfatt id-diesel kien nieqes mill-kwalita' kif allegat mill-Awtorita, allura jirrizulta illi l-esponenti kienet ukoll vittma tal-ingann minn min kien qieghed jissuplixxi u intant ukoll ghandha l-bzonn tal-protezzjoni ta' l-Awtorita' u f' kaz li jirrizultaw in-nuqqasijiet inkwistjoni ghandhom jittiehdu passi kontra d-distributur.*

16. *Illi l-esponenti jinnotaw illi ma jistghux jittiehdu passi amministrattivi ta' din il-kwalita' fil-konfront taghhom minghajr ma jigi kjamat fil-proceduri id-distributur u dan ghaliex ir-responsabbilita' hija necessarjament tad-distributur li jkun biegh il-fuel nieqes mill-kwalita' rikjesta mil-ligi ghall-profit u mhux tal-utilizzant li jkun sempliciment xtara l-istess taht il-prezunzjoni li dak li qieghed jixtri huwa konformi mal-ligi.*

*Ghaldaqstant filwaqt li l-esponenti tirriserva li tipproduci dawk il-provi kollha permessi mill-ligi titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-effetti kollha tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju, 2014 mahruga mill-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi kontra Schembri & Sons Ltd u b'mod partikolari tiddikjara illi tali ittra ufficjali ma tikkostitwixxix titolu ezekuttiv fil-konfront tal-appellanti Schembri & Sons Ltd, bl-ispejjez kontra l-imsemmija Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi. »*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata**ipprezentata fl-20 ta' Awissu 2014 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"Illi t-talbiet tas-soċjeta appellanti għandhom jiġu miċħudha u dan għas-segwenti raġunijiet:*

***A. Preliminari***

*1. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju, l-Awtorità esponenti tissottometti illi s-sottomissjoni tas-soċjetà appellanti li l-proċedura utilizzata mill-Awtorità hija waħda li tivvjola 'd-drittijiet fondamentali tal-appellanti inkluż d-dritt għas-smiegħ xieraq hekk kif protett taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem' hija waħda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jiġi muri fit-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

*2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, is-sottomissjoni tas-soċjetà appellanti li l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Awtorità ai termini tal-Artikolu 31A tal-Kap 423 tal-Liġijiet ta' Malta hija nulla hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi fil-fatt il-proċedura li l-esponenti kellu jsegwi biex fi kliemu 'iwaqqaf l-ittra ufficjali surreferita milli tigi reża eżekuttiva' hija kontenuta fil-liġi stess u kif imsemmi mill-istess Awtorità fl-ittra uffiċjali tagħha. Tant dan huwa minnu li l-istess soċjetà appellanti adoperat ruħha biex tagħmel dan billi intavolat rikors taħt il-proċedura stabbilita mis-subartikolu (6) tal-artikolu 31A tal- Kap 423, biex titlob sospensjoni tal-effetti tal-ittra uffiċjali u biex l-Awtorità tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi fl-istess subartikolu. Illi ma jreġix dak ukoll li ssottommetiet is-soċjetà appellanti li l-prinċipju li qiegħda tallega li jeżisti u li jemergi 'mis-sitwazzjoni analoġika għal dik odjerna' relatata mal-proċedura rikjesta għall-validità ta' ittra ufficjali mibgħuta ai termini tal-artikoli 466 u 166A tal-Kap 12', kif ħa jiġi pruvat fit-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

***B. Fil-mertu***

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu jiġi rilevat illi d-deċizjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi hija konformi mal-liġi u timmerita li tiġi kkonfermata u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi d-deċizjoni ttieħdet ai termini tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 (1) tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Kwalità tal-Karburanti (L.S. 423.29) li jistabbilixxu inter alia illi l-kombustibbli diesel jista' jintuża biss jekk il-kontenut ta' kubrit (Sulphur content) ikun skont kif dispost fit-Tieni Skeda ta' ma' dawk ir-regolamenti jiġifieri ma jkunx ta' iktar minn 10 mg/kg liema vjolazzjoni tirriżulta b'mod ċar mir-riżultat tal-analiżi li saret minn laboratorju Indipendenti (Dokument MRA1 anness).*

*2. Ill din id-deċizjoni kienet ġiet kommunikata lis-soċjetà appellanti permezz ta' ittra uffiċjali notifikata lis-soċjeta appellata fil-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014).*

*3. Illi permezz tal-imsemmija ittra uffiċjali l-Awtorità Appellata kienet interpellat lis-soċjetà appellanti sabiex fi żmien sebgħa (7) t'ijiem min-notifika ta' din l-ittra tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità f'dan iż-żmien u tagħti r-raġunijiet tagħha il-għala l-Awtorità ma għandiex timponi multa amministrattiva fuqha minħabba din il-vjolazzjoni tal-liġi ossija illi l-karburant diesel jista' jintuża biss jekk il-kontenut ta' kubrit (Sulphur content) ikun skont kif dispost fit-Tieni Skeda ta' ma' dawk ir-regolamenti jiġifieri ma jkunx ta' iktar minn 10 mg/kg liema vjolazzjoni tirriżulta mill-analiżi tal-laboratorju indipendenti fejn jirriżulta li l-kampjuni elevati mill-Ispetturi tal-Awtorità ma kienux konformi mal-liġi u dan għaliex ir-riżultati ta Sulphur content (bil-units mass % jew mg/kg) instabu skont is-segwenti:*

| ***Riżultat tas-Sulphur Content (mg/kg)*** | ***Riżultat iżjed mill-limitu massimu ta' 10 mg/kg*** | ***Vetturi Schembri & Sons Ltd.*** | ***Data ta' l-elevazzjoni tal-kampjun*** |
|---|---|---|---|
| *920* | *910* | *Tank tal-vettura KBL 481* | *07/07/2014* |
| *910* | *900* | *Tank tal-vettura BBR 923* | *07/07/2014* |

*Anness ma' din ir-risposta jinsab ir-rapport tal-Ispetturi tal-Awtorità għar-rigward tal-ispezzjoni meta ġew elevati l-kampjuni in kwistjoni (Dokument MRA 2).*

*4. Illi permezz tal-istess ittra, l-Awtorità Appellata kienet ippremetiet li fin-nuqqas li s-soċjetà appellata kienet ser tottempra ruħha mal-imsemmi provvediment fil-liġi, u tkompli tikser xi dispożizzjoni tal-imsemmija liġi sussidjarja u/jew xi regolamenti magħmulin taħt il-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew att ieħor li l-Awtorità għandha jedd tinforza, u li ma tirregolax ruħha fi zmien sebat (7) ijiem min-notifika ta' dik l-ittra, l-Awtorità kienet qiegħda timponi*

*fuqha multa amministrattiva ai termini tal-***Artikolu 31(2)** *tal-Kapitolu 423 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ammont ta' tliet elef Ewro (€3000) u li kienu ser jittieħdu proċeduri ulterjuri mingħajr ebda pre avviż ieħor.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ġie premess, l-Awtorità se tispjega bl-iktar mod approfondit fil-mori ta' dan l-appell il-proċedura li ntuzat biex kienu elevati mill-ispetturi tal-Awtorità u sussegwentement kif saret l-analiżi tal-kampjuni mil-laboratorju Indipendenti, u li ma għandha l-ebda oġġezzjoni li l-kampjun rimanenti elevat mill-istess ispetturi u li ngħata lis-soċjetà appellanti jintbaghat ghall-analiżi minn ditta Indipendenti oħra u differenti minn dik mqabbda mill-Awtorità.*

*6. Illi r-regolament 5 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 423.29 jipprovdi tassativament li:*

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), il-kombustibbli diesel jista' jintuża, jinbiegħ, jiġi offrut għall-bejgħ jew xort'oħra jitqiegħed fis-suq jekk ikun jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet tat-Tieni Skeda."*

*Illi huwa ċar u manifest li huwa obbligu ta' min juża l-kombustibbli diesel, (iktar u iktar min jagħmel dan fi kwantitajiet kbar bħas-soċjetà appellanti) li jiżgura ruħu li l-kombustibbli jkun skont il-ħtiġijiet tal-liġi. Illi filwaqt li l-Awtorità lesta li tipproċedi fuq kull rapport fundat li tirċievi ta' illegalità u fuq fatti oħra li tista' tirriskontra, tosserva li ma rċeviet ebda prova tal-allegat ingann li qiegħda tgħid li s-soċjetà appellanti kienet sfat vittma tiegħu u lanqas għadha ma rċeviet provi li jikkonfutaw l-analiżi li saret dwar il-kwalita' tad-diesel in kwistjoni u li juru l-buonafede da parti tagħha. Illi fl-umli fehma tal-Awtorità appellata dan huwa biss eżerċizzju biex tiġi spostata il-ħtija tas-soċjetà appellanti mill-obbligi tagħha skont il-liġi jiġifieri li tuża biss kombustibbli li jkun legali.*

*Dan qiegħed jingħad bla ħsara għal kull proċediment li l-Awtorità tista' tintenta ġaladarba tiġi riskontrata xi llegalità min-naħa ta' xi parti terza minn dan l-appell. Illi dak li ssottomettiet s-soċjetà appellanti li 'ma jistghux jittiehdu passi amministrattivi ta' din il-kwalita' fil-konfront taghhom minghajr ma jigi kjamat fil-proceduri id-distributur' hija wkoll infondata għar-raġunijiet imsemmija iktar qabel.*

***C. Konkluzjoni***

*Illi għaldaqstant, l-Awtorità Appellata, filwaqt li tagħmel referenza għall-atti kollha pprezentati u għall-provi mressqa, tirriserva li tressaq kull prova oħra permessa bil-liġi u titlob bir-rispett għar-raġunijiet premessi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogħġbu jiċħad l-appell tal-appellanti u jikkonferma d-deċizjoni mogħtija mill-Awtorità Appellata fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) bl-ispejjez kontra l-appellat."*

Ra d-dokumenti kollha sottomessi mill-partijiet;

Sema' x-xhieda ta' Derian Debattista,[1] ta' Natalino Spiteri,[2] ta' Frank Schembri,[3] u ta' Miriam Micallef Sultana;[4]

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti intavolat l-appell odjern sabiex tattakka l-kontenut ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju 2014 li ntbaghtet mill-Awtorita` intimata fejn giet mistiedna taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwar l-intenzjoni tal-Awtorita` intimata li timponi fuqha penali amministrattiva ta' tlett elef ewro (€3000) peress li l-Ispetturi tal-istess Awtorita` sabu *diesel* b'kontenut ta' kubrit gholi iktar milli tistipula t-Tieni Skeda tar-Regolamenti tal-2008 dwar il-Kwalita` tal-Karburanti (L.S. 423.29).

Illi preliminarjament is-socjeta` rikorrent qajjmet zewg lanjanzi u cioe` li l-procedura utilizzata mill-Awtorita` intimata hija wahda li tikser id-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq stante li tonqos milli tipprovdi b'mod car u definit iz-zmien *entro* liema persuna irid iressaq l-appell tieghu. Is-socjeta` rikorrent ssostni li l-artikolu 31A (1) (iv) tal-Kapitolu 423 jipprovdi li l-Awtorita` intimata ghandha diskrezzjoni tiffissa hi stess perjodu entro liema wiehed jista' jappella.

Illi dan it-Tribunal, permezz ta' sentenza moghtija illum stess fl-ismijiet ***Bitmac Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 l-atti gew trasfuzi f'isem ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma***, kellu l-opportunita` li jezamina l-procedura li tiskatta wara li l-Awtorita` intimata tintavola ittra ufficjali kontra min allegatament ikun instab in kontravvenzjoni tal-ligi. Madankollu fil-kaz odjern is-socjeta` rikorrenti qed issostni li t-terminu tal-appell huwa xi haga diskrezzjonali ghall-Awtorita` intimata. Dan ma hux il-kaz. Fil-fatt it-terminu sabiex wiehed jappella minn decizjoni tal-Awtorita` intimata huwa wiehed ta' ghoxrin (20) gurnata minn meta tinghata decizjoni.[5] Madankollu biex wiehd jappella irid ikun hemm **decizjoni**. Certament dak kontenut fl-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 **ma jikkonsistix f'decizjoni vera u proprja** li permezz taghha l-Awtorita`

[1] Traskritta minn fol. 37 sa fol. 45
[2] Traskritta minn fol. 47 sa fol. 50
[3] Traskritta minn fol. 55 sa fol. 67
[4] Traskritta minn fol. 71 sa fol. 76
[5] Artikolu 34 (7) tal-Kapitolu 423

intimata imponiet xi tip ta' penali fuq is-socjeta` rikorrenti. Din l-ittra ufficjali kienet qed **turi l-intenzjoni** li ssir tali imposizzjoni tant li f'wiehed mill-ahhar paragrafi tal-istess ittra hemm imnizzel "*Fin-nuqqas li s-socjeta` intimata tottempra ruhha ma' dan*[6]*……l-Awtorita` qieghdha timponi fuq is-socjeta` intimata multa amministrattiva ai termini tal-Artikolu 31 (2) tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' tliet elef ewro (€3000).*"[7]

Illi issa jirrizulta illi sussegwentement ghall-ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju 2014, is-socjeta` rikorrenti intavolat dan l-appell fil-31 ta' Lulju 2014. Illi pero`, jirrizulta illi sa dakinhar, l-Awtorita` intimata ma kienet ghadha imponiet l-ebda penali amministrattiva lis-socjeta` rikorrenti. Permezz tal-ittra ufficjali su citata, dak li ghamlet l-Awtorita` kienet biss uriet l-intenzjoni taghha u stiednet lis-socjeta` rikorrenti taghmel is-sottomissjonijiet taghha. Madankollu, minflok ghamlet is-sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` rikorrenti intavolat dan l-appell.

Illi, sa certu punt, dan it-Tribunal ma jaghtix tort lis-socjeta` rikorrenti li mxiet b'dan il-mod ghaliex id-dicitura tal-Ligi hija wahda kemmxejn ambigwa.

Illi artikolu 31A tal-imsemmija Ligi jghid is-segwenti:-

***"31A.*** *(1) L-Awtorità, qabel ma timponi penali amministrattiva fuq xi persuna li tikser jew tonqos milli tosserva -*
*(a) xi disposizzjoni ta' dan l-Att;*
*(b) regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;*
*(ċ) xi liġi oħra li l-Awtorità għandha l-jedd li tenforza;*
*jew;*
*(d) xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tenforza; jew*
*(e) xi kondizzjoni ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan*
*l-Att,*
*għandha permezz ta' ittra uffiċjali lill-persuna involuta –*
*(i) tagħti avviż lil dik il-persuna tal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta mill- Awtorità;*
*(ii) tagħti avviż tar-raġuni speċifika għaliex tkun qegħda tiġi imposta dik il-penali;*
*(iii) tagħti avviż dwar l-ammont tal-penali;*
*(iv) titlob lil dik il-persuna biex issewwi l-atti jew l-ommissjonijiet li jkunu saru minn dik il-persuna u, jew li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità fi żmien speċifikat:*

[6] Riferibbilment ghas-sottomissjonijiet li l-Awtorita` intimata stiednet lill-socjeta` rikorrenti taghmel
[7] Dok A a fol. 99 u 100

*Iżda dak iż-żmien ma' jistax ikun ta' aktar minn għoxrin ġurnata u mhux anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali:*

*Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tista' tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli matul dak il-perjodu ta' żmien li jista' jkun stipulat fl-ittra uffiċjali biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità u biex tipproponi kull rimedju li jsewwi l-attijiet jew l-ommissjonijiet hekk kif ikunu meħtieġa mill-Awtorità li jiġu hekk imsewwija.*

*(2) Fl-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), l-Awtorità tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li tista' tikkunsidra raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.*

*(3) Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-ksur fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li tosserva l-kondizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi, l-Awtorità għandha tieqaf milli tkompli tipproċedi:*
*Iżda jekk il-persuna involuta, wara li tkun intrabtet bil-miktub, kif imsemmi hawn qabel, tonqos milli tirrimedja l-ksur fiżżmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1) jew tonqos milli tħares il-kondizzjonijiet li jkunu ġew miftiehma bil-miktub, l-Awtorità għandha timponi penali amministrattiva kontra dik il-persuna għal dak in-nuqqas, flimkien mal-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta għall-ksur innifsu.*

*(4) Jekk wara li jiskadi l-perjodu imsemmi fis-subartikolu (1), l-Awtorità tikkunsidra li l-persuna involuta ma tkun tat ebda raġuni valida biex turi għaliex m'għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva kontra dik il-persuna,* ***l-Awtorità għandha tgħaddi biex timponi dik il-multa amministrattiva,***[8]

*….*

*(6) L-ittra uffiċjali msemmija fis-subartikolu (1), meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell minnha, u meta ssir notifika ta' kopja tagħha permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna li weħlet il-penali amministrattiva, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-għanijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

*Iżda jekk il-persuna li kontriha tkun inħarġet l-ittra uffiċjali, tagħmel appell quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, u flimkien mal-appell jew qabel ma tagħmel l-appell tkun talbet li t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jissospendi l-effetti tal-ittra uffiċjali, għaldaqstant l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm tkun ġiet deċiża, miċħuda jew mod ieħor ittrattata t-talba għal sospensjoni:*

*Iżda wkoll it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jiddeċiedi kull talba għas-sospensjoni msemmija f'dan is-subartikolu mill-aktar fis. Qabel ma tiġi deċiża talba bħal dik, it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jagħti lill-Awtorità opportunità raġonevoli biex twieġeb u tressaq is-sottomissjonijiet tagħha, fi żmien mhux anqas minn tliet ijiem tax-xogħol."*

---

[8] Enfasi tat-Tribunal

Illi ghalhekk minn qari tad-disposizzjoni appena citata jirrizulta illi l-Awtorita` intimata trid l-ewwel u qabel kollox turi l-intenzjoni taghha li timponi penali permezz ta' ittra ufficjali. Trid ukoll taghti zmien lill-persuna koncernata taghmel is-sottomissjonijet taghha, u jekk tali sottomissjonijiet ma jurux raguni valida ghaliex m'ghandha tigi mposta ebda penali, **allura l-Awtorita` ghandha tghaddi biex timponi l-istess multa**. Illi t-Tribunal jirrileva illi ghalkemm il-ligi ma ssemmix b'liema mod l-Awtorita` intimata ghandha tghaddi biex timponi l-multa, artikolu 31A (8) jistipula li l-Awtorita` intimata ghandha taghti r-ragunijiet taghha ghal kull decizjoni li tittiehed. Fil-kaz in ezami pero` ma jirrizultax illi l-Awtorita` intimata tat xi decizjoni ulterjuri wara l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 fejn tat ir-ragunijiet taghha ghala kienet qed timponi l-penali.

Illi jekk wiehed jezamina s-subinciz (6) tal-artikolu 31A isib li l-Awtorita' intimata, meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell mill-ewwel ittra ufficjali, u meta ssir notifika ta' kopja taghha permezz ta' att gudizzjarju **lill-persuna li wehlet il-penali amministrattiva**, ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. **Illi jigi rilevat illi fl-ebda mument u minn imkien ma jirrizulta illi is-socjeta` rikorrenti sa issa wehlet xi penali amministrattiva**. Illi ghal dan it-Tribunal, l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2014 kienet biss qed turi l-intenzjoni tal-Awtorita` intimata li timponi l-penali u stedina lis-socjeta` rikorrenti biex tressaq is-sottomissjonijiet taghha ghala dawk l-istess penali ma kellhomx jigu imposti.

Illi huwa veru li l-ligi tghid illi meta jiskadi t-terminu li fih jista' jsir appell mill-ittra ufficjali u ma jsir l-ebda appell l-Awtorita` intimata jkollha titolu ezekuttiv wara li ssir notifika tal-istess ittra ufficjali b'att gudizzjarju. Pero` l-interpretazzjoni logika li ghandha tinghata hija illi l-appell isir **mid-decizjoni** tal-Awtorita` intimata li biha timponi l-penali u mhux **mill-intenzjoni** tal-Awtorita` intimata li timponi l-istess penali. Issa kif gia intqal, f'dan il-kaz ma rrizultax illi effettivament is-socjeta` rikorrent fil-fatt kienet wehlet tali penali amministrattiva. Dan qieghed jinghad anke fid-dawl tal-kontenut tal-istess ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju 2014 fejn l-istess Awtorita` intimata infurmat lis-socjeta` rikorrenti illi "*Fin-nuqqas li s-socjeta` intimata tottempra ruhha ma' dan*[9]*……l-Awtorita` qieghdha timponi fuq is-socjeta` intimata multa amministrattiva ai termini tal-Artikolu 31 (2) tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ammont ta' tliet elef ewro (€3000).*" Issa fil-kaz in ezami ma jirrizultax li saru sottomissjonijiet pero` gie intavolat dan l-appell. Pero` xorta wahda, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, anke fin-

[9] Riferibbilment ghas-sottomissjonijiet li l-Awtorita` intimata stiednet lill-socjeta` rikorrenti taghmel

nuqqas ta' sottomissjonijiet irid ikun hemm decizjoni vera u proprja da parti tal-Awtorita` fejn tinforma lill-persuna koncernata li kienet qieghdha tigi inflitta l-penali.

Illi dan it-Tribunal ma jarax logika fil-mod kif l-Awtorita` intimata qieghdha tinterpreta l-procedura li ghandha tigi segwita wara l-hrug ta' ittra ufficjali. Skond l-Awtorita` intimata, filwaqt li wiehed jigi invitat biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu biex l-Awtorita` tkun tista', jekk ikun il-kaz, tirrevedi l-intenzjoni taghha, jibda ghaddej ukoll terminu ta' ghoxrin gurnata fejn l-individwu jrid jappella mill-kontenut ta' dik l-ittra ufficjali. Kif jista' wiehed jippretendi lill-individwu aggravat li jappella minn "intenzjoni" fejn is-sanzjoni ghadha ma gietx imposta u wara li l-istess Awtorita` stednitu biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar l-istess intenzjoni? Dan hu aktar assurd meta wiehed iqis li l-Awtorita` intimata tista' taghti lill-persuna koncernata terminu ta' massimu ghoxrin gurnata biex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu. Allura kif inhu koncepibbli li fit-terminu li persuna suppost taghmel is-sottomissjonijiet taghha biex tirribatti dak li l-Awtorita` intimata uriet l-intenzjoni li taghmel, ikun qed jiddekorri wkoll xi terminu ta' appell!

Illi t-tieni lanjanza preliminari tas-socjeta` rikorrenti hija dwar il-fatt li l-Awtorita` intimata, meta intavolat l-ittra ufficjali in kwisjtoni naqset milli tindika, fl-istess ittra, l-procedura li wiehed ghandu jsegwi biex iwaqqaf milli l-istess ittra ufficjali tigi reza wahda ezekuttiva. Illi dan l-aggravju mhux misthoqq stante li l-mezz biex wiehed iwaqqaf l-ezekuttivita` ta' tali ittra huwa mnizzel fil-ligi, liema ligi ma tirrkjedix, kif perezempju jirrikjedu artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili - *ubi lex voluit lex dixit*. Madankollu dan it-Tribunal huwa tal-opinjoni li tkun prassi amministrattiva tajba li jitnizzel ukoll il-mod kif wiehed jista' jappella minn decizjoni tal-istess Awtorita`, illum Regolatur.

Ghadaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi sal-lum l-Awtorita` intimata, illum Regolatur, ghadha ma hadet l-ebda decizjoni amministrattiva li minnha s-socjeta` rikorrenti setghet tappella minnha u kwindi mhux se tinoltra ruhha fil-mertu ta' dan ir-rikors sabiex jekk ikun il-kaz, dan jigi deciz, jekk u ladarba jkun hemm decizjoni amministrattiva li permezz taghha tigi imposta xi tip ta' penali.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi in vista ta' dak premess iktar 'il fuq, jiddikjara illi l-ittra ufficjali datata 23 ta' Lulju 2014, sa issa, ma tikkostitwix titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-Awtorita` intimata, illum Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**